MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1247/2003/1

**Dr. Christian Farrugia bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Dichem srl**

**vs**

**George Xuereb f' ismu proprju u ghan-nom tad-ditta "Autopaint"**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Novembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur nomine talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm1,482) ekwivalenti

ghal erba' t'elef, mitejn u disa' Euros u sitta u tmenin centezmu (€4,209.86c) rapprezentanti bilanc dovut ghal prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.

Illi l-konvenut eccepixxa li l-ammont mitlub mill-attur nomine m'huwiex dovut stante li dan l-ammont jirrapprezenta precizament prezz ta' konsenja ta' erba' tankijiet ta' 200 litru-il wiehed *lacquer* li ma kienux ta' kwalita' pattwita bejn il-kontendenti u liema konsenja giet irritornata mill-konvenut proprio et nomine lis-socjeta' estera Dichem srl.

Sema' x-xhieda ta' Dr Christian Farrugia u tal-konvenut, sema' wkoll ix-xhieda ta' Mark Ferris.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li fil-fatt l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ma thallasx. Il-kontestazzjoni f'din il-kawza huwa iktar fuq l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, fis-sens illi l-ammont m'huwiex dovut billi allegatament parti mill-konsenja li kien xtara minghand is-socjeta' attrici ma kienetx tal-kwalita' pattwita. Il-konvenut isostni li kien hemm negozju regolari ghaddej bejnu u bejn id-ditta estera u hu kien jixtri minghandhom minn zmien ghal zmien u li kien hemm kont miftuh. Kien hemm xi zmien meta xi konsenja ta' *lacquer* ma kienetx ghas-sodisfazzjon tal-konvenut u mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut baghat lura xi materjal lis-socjeta' Dichem srl fl-Italja, izda jirrizulta wkoll li fil-fatt din is-socjeta' estera rrifjutat li tiehu lura dan il-materjal u ghalhekk dan il-materjal ghadu fil-*groupage depot* tal-*freight forwarder* inkarigat mill-konvenut.

Sahansitra gie esebit bhala dokument DC1 *fax* mibghut mis-socjeta' Dichem srl fejn testwalment, fost affarijiet ohra jghidu:

"*Furthermore you informed us by telephone that instead of paying our last invoices in full, you returned some goods which were bought more than one year ago.*

*We cannot accept this, neither did we give our authorisation to send back any goods."*

Illi huwa evidenti ghalhekk illi s-socjeta' estera qatt m'accettat l-allegazzjoni tal-konvenut li kien hemm xi difett fil-materjal minnha supplit jew li l-materjal minnha supplit ma kienx tal-kwalita' pattwit.

Illi inoltre, l-konvenut ghalkemm xehed li hu kellu diversi *complaints* fuq il-materjal in kwistjoni, ma ressaq l-ebda prova estranea w indipendenti jew xi prova xjentifika jew oggettiva li b'xi mod tista' tikkonvinci lil dan it-Tribunal li verament kien hemm materjal li fil-fatt ma kienx tal-kwalita' pattwit. Kull m'ghandna fil-kawza hija semplicement allegazzjoni tal-konvenut li kien hemm certu materjal li ma kienx ta' kwalita' pattwit u li hu baghat xi haga lura.

Mid-dokumenti esebiti pero', jirrizulta li ntbaghat *1 pallet thinner* f'xi destinazzjoni li skond Mark Ferris intbaghat l-Italja u fuq dan id-dokument (a fol 36 tal-process) hemm indikat valur ta' erba' mitt Euro (€400). Inoltre dan id-dokument qieghed jirreferi ghal materjal li ghandu piz ta' 300kg. Certament 300kg m'huwiex il-volum ta' erba' tankijiet ta' 200 litru-il wiehed li ndika l-konvenut fir-Risposta tieghu. Inoltre, l-konvenut esebixxa fid-dokument GS3, a fol 30 tal-process, id-dokument li minnu xtara *3 drums acrylic lacquer* ta' 210 litri-il wiehed. It-Tribunal ma jistax jifhem kif il-konvenut ighid li baghat lura erba' tankijiet ta' 200 litru-il wiehed meta fil-fatt fid-dokument imsemmi aktar 'il fuq intbaghat konsenja li fih 300kg. Normalment litru jizen 1kg u jekk baghat lura tank shih dan kien ikollu 200kg. Ghalhekk l-ammont ta' 300kg ma jikkombaccjax ma' l-*invoice* a fol 30 tal-process.

Illi inoltre, d-dokument a fol 30, tal-process jirrigwarda konsenja li ntbaghtet fl-4 t'Ottubru, 2001. Id-dokumenti A u B (mertu tal-pretenzjoni attrici), a fol 20 u 21 tal-process,

jirrigwardaw *invoices* ta' xoghol li ntbaghtu fis-sena 2002 u ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li l-merkanzija li dwaru qieghed jilmenta l-konvenut, hija l-istess merkanzija li dwaru qed taghmel il-pretenzjonijiet taghha s-socjeta' attrici. Huwa minnu li dan it-Tribunal kemm jista' jkun irid jevita li jidhol f'hafna legalitajiet u jidhol fis-sustanza tal-kwistjoni izda ma jistax jigi njorat il-fatt illi t-talba ta' l-attur hija ndirizzata fuq il-konsenji msemmija fid-dokumenti A u B tal-process mentri d-difiza tal-konvenut hija bbazata fuq konsenji ohrajn li m'humiex mertu ta' l-attur tal-kawza attrici. Sa certu punt ghalhekk, l-eccezzjoni tal-konvenut ma tinkwadrax ruhha fil-pretenzjonijiet attrici.

It-Tribunal ikun dispost li jikkoncedi li l-pretenzjoni tal-konvenut setghet tinkwadra ruhha fil-kwistjoni kieku kien hemm accettazzjoni tas-socjeta' attrici li kellha xi nuqqas u kellha xi forma ta' *credit note* jew accettazzjoni ta' responsabbilta', izda mill-provi prodotti jirrizulta proprju l-kontra billi s-socjeta' Dichem srl assolutament irrifjutat li taccetta l-ilment tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut billi ma gewx sodisfacentament pruvati u sostanzjati w apparti dan, ma jirrizultax li ghandha topera t-tpacija bejn il-kontendenti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm1,482) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li talab ir-revoka taghha. Il-kontestazzjoni tieghu hi cirkoskritta ghal dawn l-aggravji:-

(1) Gjaladarba skond l-appellanti in-negozju bejnu u d-ditta estera kienet wahda "*ongoing*" fis-sens ukoll li hu kien ihallas "*on account*" u mhux skond is-singoli fatturi, *ergo* r-ragonament tat-Tribunal li l-eccezzjoni tieghu ma tinkwadrax ruhha fil-pretensjoni attrici ma jregix;

(2) Kuntrarjament ghal dak ritenut mit-Tribunal huwa gab l-ahjar prova li kienet ghalih disponibbli biex isostni d-difiza tieghu li l-konsenja kienet difettuza u mhux tal-kwalita` pattwita;

Fil-qosor, il-fatti essenzjali tal-kaz huma dawn:

(1) l-attur *nomine* talab il-hlas ta’ konsenja ta’ prodotti li saret lill-konvenut fl-2002 (ara fattura a fol. 20 u 21). Il-konvenut ma jikkontestax l-fatt tar-ricezzjoni ta’ dawn il-prodotti. Huwa jaccetta wkoll illi ebda prodott minn dawk indikati fil-fatturi msemmija ma ntbaghat lura minnu (fol. 33);

(2) Il-konvenut pero` jghid li kellu lment fuq spedizzjoni ta’ *lacquer*, indikata fl-*invoice* datata 3 ta’ Ottubru 2001 a fol. 30. Jiddikjara li minn din l-ispedizzjoni rritorna lura bejn 3 u 4 *drums* wara li beda jircievi lmenti minghand *sprayers* li lilhom kien jissupplixxi bil-prodott;

(3) Ix-xhud Mark Ferris tas-socjeta` Customs Services Ltd jikkonferma li kien hemm zewg okkazjonijiet fejn hu spedixxa lura prodotti li kienet irceviet id-ditta konvenuta. Dan kif evidenzjat mid-dokumenti a fol. 36 u 37. F’ kaz minnhom si trattata ta’ *pallet thinner* li l-fornitur esteru fl-Italja baqa’ ma accettax. L-iehor kien prodott mibghut lura l-Ingilterra li gie invece accettat;

Premessi dawn il-fatti, thares minn fejn thares lejha l-kwestjoni, l-aggravji ventilati huma ghal kollox insostenibbli. Dan l-aktar mill-punto di vista guridiku;

L-appellanti qed jittanta jimpunja u jirrezisti t-talba ghal hlas reklamat fuq l-assunt illi partita lilu konsenjata - u li mhix dik meritu tal-kawza odjerna - ma kienetx tal-kwalita pattwita. Huwa ghalhekk jirpoza d-difiza tieghu fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili li hekk jipprovdi:-

"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita` mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti";

Issa mhuwiex in disputa illi tali dispost jista' jitqajjem mix-xerrej anke *per via di eccezione*. Ara **Kollez. Vol. XXX P I p 751** u **Vol. LXXIII P I p 260**. Naturalment, u logikament, ix-xerrej irid ikun f' qaghda guridika li jkun jista' jipprevalixxi ruhu minn dan ir-rimedju. Dan ghaliex hu ragonevoli li jigi sostenut illi jekk bl-azzjoni tieghu jippregudika d-dritt lilu hekk rizervat mil-ligi tali rimedju ma jkunx aktar disponibbli ghalih. Dan, indipendentement mill-kontroversja sorta f' certa gurisprudenza dwar jekk l-istess rimedju kienx applikabbli wara r-recezzjoni tal-konsenja. Ara a propozitu **Vol. XLIX P II p 955**;

Bhala bazi ta' dak appena rilevat din il-Qorti tghaddi biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda prodotta jirrizulta kjarament illi r-rimedju invokat mil-appellanti ma kienx jikkolpixxi l-merce specifika li taghha kien qed jintalab il-hlas izda konsenja ghal kollox differenti. Fil-hsieb tal-Qorti biex id-difiza bazata fuq dan ir-rimedju tirnexxi din riedet per forza jkollha konnessjoni ntrinsika u diretta ma' l-oggett vendut meritu tal-kawza. Dan johrog mill-fatt illi kif gja ntqal ir-rimedju jista' jitqajjem b' eccezzjoni u dan necessarjament jimplika fl-istess kawza fejn ikun qed jintalab il-hlas tal-prodott kontestat ghal dik li hi l-kwalita` tieghu;

(2) Mill-istess dokumenti jirrizulta illi, anke jekk jigi accettat illi r-riferenza deskrittiva ghal *thinner* fuq Dok. DC2 (fol. 28) saret bi zball, xorta jibqa' l-fatt illi anke jekk si trattava ta' *lacquer* bejn id-data tar-recezzjoni ta' dan il-prodott fl-2001 u ri-esportazzjoni tieghu fit-30 ta' Settembru 2002 ghaddiet il-fuq minn sena u fil-frattemp il-konvenut kien diga', ghallanqas minn dak konfessat

minnu stess, beda jiddisponi minnu lill-i*sprayers* lokali. Jinsab deciz illi "*il rifiuto della merce non è piu possibile quando ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte*" (**Kollez. Vol. XXI P I p 49**). Ir-raguni hi li simili azzjoni da parte tax-xerrej ma ssibx sostenn fid-disposizzjoni tal-ligi citata;

(3) Huwa accettat illi l-istess disposizzjoni tirrientra fid-dixxiplina ta' l-inadempiment kontrattwali u allura kien jinkombi fuq ix-xerrej li jgib prova assikurattiva ta' tali inadempiment. Hekk hu htieglu jipprova illi kien hemm mankanza tal-kwalita` mweghda rizultanti minn xi ftehim espress jew ghallanqas dedotta b' mod implicitu. Mhux bizzejjed li hu jsostni li baghat lura l-prodott minghajr ma jiggustifika bi prova certa l-karatteristici tal-kwalita` premessa fl-oggett. Din kellha tkun il-prova kardinali u dimostrattiva li htieglu jaghmel biex, u apparti dak li ntqal fir-rigward ta' l-applikabilita` ta' l-eccezzjoni ghal kaz, jirnexxi fid-difiza tieghu;

(4) Fil-verita minn dak rikavat mix-xhieda l-materja ma tantx tidher li kienet tirrivolvi dwar il-kwalita` tal-haga daqskemm mad-difett u l-inadattabilita` ghall-uzu tal-haga. Riljev dan li jorbot il-materja mal-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva ghalih izda mhux ukoll mal-kwalita` tal-haga. Kif ben saput iz-zewg koncetti huma kontraddistinti. Ara a propozitu **Kollez. Vol. XXXI P I p 647**;

(5) Hi l-fehma tal-Qorti illi meta l-konvenut xerrej irrealizza li kien skadielu t-terminu ghall-proponiment ta' l-azzjoni in garanzija huwa bhal speci ried jiggranfa mat-teorija tan-nuqqas tal-kwalita fil-haga. Dippju jidher li hu qaghad jistenna l-mument opportun biex meta tinsorgi l-kwestjoni u hu jkun xtara prodotti ohra, anke jekk dwarhom ma kellu ebda lamentali, huwa jirrifjuta li jhallas taghhom bl-iskuzanti li konsenja ohra kienet difettuza. Difett li del resto baqa' biss allegat izda mhux ukoll sorrett bi provi certi bhal, per ezempju, bil-produzzjoni ta' dawk l-i*sprayers* li lilhom kien biegh il-prodott u kienu lmentawlu;

(6) Jibqa l-fatt li *ope legis* ix-xerrej hu tenut ihallas il-prezz. Din kienet il-kontraprestazzjoni tieghu ghal

kunsinna li sartilu. Kunsinna li hu stess jaccetta li ma kellu ebda rizervi dwarha, la ta’ xi nuqqas ta’ kwalita` u lanqas ta’ xi vizzju fiha. Fic-cirkostanzi l-aggravji ma jistghux hlief jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra tat-Tribunal, din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell interpost. L-ispejjez, anke ta’ din l-istanza, ghandhom jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------